# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **3 TA' DIĊEMBRU 2017**

**Quddiesa u Barka fuq l-Omm u t-Tarbija fil-ġuf tagħha**

Għada / Illum il-Ħadd 3 ta' Diċembru 2017 fl-10:15am ssir il-Quddiesa u l-Barka fuq l-Omm u t-Tarbija fil-ġuf tagħha bl-interċessjoni ta' Sant'Anna li tħares lill-ommijiet u t-tarbi fil-ġuf tagħhom. Mistiedna wkoll il-ġenituri li welldu tarbija biex jirringrazzjaw lil Alla.

**Bazaar imtella' mill-Għaqda Mużikali Sant'Anna Wied il-Għajn**

Fis-Sala Sant'Anna qed jitella' Bazaar mill-Għaqda Mużikali Sant'Anna.

**Kunċert tal-Milied**

Għada / Illum il-Ħadd 3 ta' Diċembru 2017 fis-7:00pm fis-Sala Sant'Anna jittella l-Kunċert tal-Milied organizzat mill-Parroċċa flimkien mall-Kunsill Lokali. Inħeġġukom sabiex tattendu.

**Grupp Kelma tal-Ħajja**

It-Tnejn 4 ta' Diċembru 2017 fis-7:00pm ser jiltaqa' l-Grupp tal-Kelma tal-Ħajja fil-Knisja Parrokkjali.

**Tberik tal-Familji**

It-Tnejn 4 ta' Diċembru 2017 fl-4:30pm inkomplu bit-tberik tal-familji fi **Triq Ġuże Pesci u Triq il-Gross (minn Triq Ħabberxa sa Triq Ġuże Pesci).**

It-Tlieta 5 ta' Diċembru 2017 fl-4:30pm inkomplu bit-tberik tal-familji fi **Triq ir-Rummien, Triq il-Qastan u Triq il-Gross (minn Triq Ġuże Pesci sa Triq ir-Rummien).**

L-Erbgħa 6 ta' Diċembru 2017 fl-4:30pm inkomplu bit-tberik tal-familji fi **Triq Salvu Buhagiar.**

**Bazaar u bejgħ ta' pjanti**

Min-nhar il-Ħamis 7 ta' Diċembru 2017 fis-Sala San Ġwakkin jiftaħ il-Bazaar tal-Parroċċa li fih ser issir ukoll bejgħ ta' ponsjetti u pjanti. Inħeġġiġkom sabiex tagħtu titwila.

**Festa tat-Tnissil bla Tebgħa tal-Verġni Marija**

Il-Ġimgħa 8 ta' Diċembru 2017 hija l-festa tal-Immakulata Kunċizzjoni. Xi ħaġa sabiħa li nqaddsu dan il-jum bil-quddiesa li jkun bħal ta' fost il-ġimgħa. Wara l-quddiesa tas-7:00am ser nitolbu t-talba tar-Rużarju quddiem Ġesù Ewkaristija u ser ikun animat mill-Grupp tal-Legion of Mary.

**Adorazzjoni għall-Qdusija tas-Saċerdoti**

Is-Sibt 9 ta' Diċembru 2017 fil-Knisja Parrokkjali ta' Santa Marija, l-Imġarr fid-9:00pm tibda quddiesa u wara adorazzjoni għall-qdusija tas-saċerdoti sal-11:00pm.

**Grupp tal-Armar tal-Parroċċa**

Is-Sibt 9 ta' Diċembru 2017 il-Grupp tal-Armar tal-Parroċċa qed jorganizzaw l-ikla tal-Milied fl-Alexandra Hotel, San Ġiljan.

**Magħmudija Komunitarja**

Il-Ħadd 10 ta' Diċembru 2017 issir il-Magħmudija bil-Quddiesa li tibda fl-10:15am.

**Presepju *Betlehem f'Għajnsielem* Għawdex**

L-Erbgħa 13 ta' Diċembru 2017 ser norganizaw ġurnata Għawdex fejn fost l-oħrajn ser inżuru l-presepju 'Betlehem f'Għajnsielem'. Fis-7:30am tluq minn quddiem is-Sala Sant'Anna u nkunu lura mal-vapur tas-6:00pm. Biljetti mis-sagristija jew mill-uffiċċju parrokkjali.

**Ikla tal-Milied**

Il-Ġimgħa 15 ta' Diċembru 2017 bħala Parroċċa ser norganizzaw l-ikla tal-Milied fis-Sorreda Hotel, il-Qawra. Fit-7:45pm nitilqgħu minn quddiem is-Sala Sant'Anna.

**Quddiesa tal-Milied (ta' 12:00am)**

Għall-Quddiesa tal-Milied (ta' 12:00am) inħeġġu lit-tfal sabiex min jixtieq jilbes ta' anġlu jew ta' ragħaj u jieħdu sehem fil-purċissjoni bil-Bambin fil-bidu tal-quddiesa.

***New Year's Eve Party***

Il-Ħadd 31 ta' Diċembru 2016 wara l-quddiesa tat-8:00pm ser norganizzaw New Year's Eve Party fis-Sala Sant'Anna. Inħeġġukom sabiex iżommu dawn id-dati liberi sabiex tattendu u biljetti jinxtraw mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Pellegrinaġġ għall-Art Imqaddsa**

Il-parroċċa ser torganizza Pellegrinaġġ għall-Art Imqaddsa flimkien mal-parroċċa ta' Ħaż-Żabbar bejn is-26 ta' Jannar 2018 u l-4 ta' Frar 2018. Dettalji tal-programm jinkisbu mis-sagristija.

**Fuljett 'Flimkien'**

Wasal il-fuljett *Flimkien* għax-xahar ta' Diċembru 2017. Nitolbu lid-distributuri biex jiġbru l-kopji tagħhom mis-sagristija, waqt li nirringrazzjawhom tas-servizz li qed jagħtuna.

**Siġra tal-Imħabba**

Bħas-snin ta' qabel din is-sena wkoll se norganizzaw is-Siġra tal-Imħabba. Dawn l-għotjiet ser imorru kollha għall-bżonnijiet ta' wħud mill-familji fil-bżonn tal-Parroċċa tagħna. Imdendlin mas-siġra issibu wkoll envelops li fihom ikun hemm il-bżonnijiet tat-tfal ta' dawn il-familji. Jekk jogħġobkom, min jieħu minn dawn l-envelops iġġibu dak li jkun hemm miktub fil-karta. Jekk tkun għalikom diffikultà, allura agħtu xi ħaġa tal-flus u poġġuha fil-kaxxa li hemm ħdejn is-siġra. Dan hu mod ieħor kif aħna nistgħu inferrħu lil ħaddieħor fil-bżonn f'dan iż-żmien tal-Milied.

**Torti tal-Marmolat, Christmas Logs u Mince Pies**

Mingħand il-voluntiera tagħna tistgħu tixtru Torti tal-Marmolat, Christmas Logs u Mince Pies minn fuq iz-zuntier.